| Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja | | |
|---|---|---|
| | | |
| **KAP 7 - JIDDISPJAĊINI** | | |
| **L-Objettiv:** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | |
| **7.1** | **Nagħmel dak li nwiegħed** | **7.1** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jifhmu xi tfisser li tgħid u tagħmel skont l-iva tiegħek;<br>2. jiddiskutu għalfejn iwegggħu meta xi ħadd ma jagħmilx dak li jkun wegħedhom;<br>1. jirrealizzaw l-impatt tal-importanza tal-kelma li jkunu taw lil ta' madwarhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Hu importanti li dak li nwiegħdu lil ħaddieħor nagħmluh.<br>2. Nikbru bil-għaqal u ngħixu tajjeb u fil-paċi jekk nagħmlu skont ma nkunu wegħedna.<br>3. Irridu nagħtu kas ta' kif iħossu ħaddieħor f'dak kollu li nwiegħdu li nagħmlu. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru li jafu kif i\ommu kelmithom għaliex jagħmlu skont dak li jkunu wiegħdu. | |
| | | |
| **7.2** | **Kif inħossuna?** | **7.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jiddiskutu x'iħossu meta xi ħadd ma jagħmilx dak li jkun wegħedhom;<br>2. jifhmu l-importanza tal-kelma tagħhom filwaqt li jitgħallmu li dak li jwiegħdu lil ħaddieħor ikun importanti;<br>3. jitgħallmu li meta nżommu kelmitna nnaqqsu d-dwejjaq f'dawk ta' madwarna; | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. jimxu b'empatija biex jifhmu x'ħaddieħor iħoss meta aħna ma nżommux kelmitna. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta ma nżommux kelmitna m'aħniex bil-għaqal u ħaddieħorn ser jiddispjaċih.<br>2. Kollha għandna l-emozzjonijiet u bħala ħbieb vera, għandna nibżgħu għall-emozzjonijiet ta' ħaddieħor.<br>3. Meta ma nżommux il-kelma li nkunu tajna, ikollna d-dwejjaq. | |
| **L-Attitudni** | 1. It-tfal iżommu kelmithom għal dak li jkunu wiegħdu lil xulxin.<br>2. It-tfal jaħdmu biex kulħadd ikun irrispettat u ma jwaqqgħu lil ħadd għaċ-ċàjt. | |
| | | |
| **7.3** | **Ngħidu 'iva' bil-qalb** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jiddiskutu u jagħrfu xi tfisser li tgħid iva minn qalbek;<br>2. jitgħallmu kif ikunu ta' mġiba tajba;<br>3. jieħdu attitudni li meta jgħidu iva għandhom jagħmlu skont ma jwiegħdu | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Inkunu kapaċi nagħmlu dejjem dak li nwiegħdu.<br>2. Meta ngħidu iva, ngħiduha bil-qalb għax ħaddieħor ikun qed jiddependi fuqna.<br>3. Naraw dak li hu tajjeb u dak li hu inqas tajjeb biex ma nweġġgħu lil ħadd. Dan ifisser imġiba tajba | |
| **L-Attitudni** | It-tfal jobdu mill-qalb u bla tgergir. | |
| | | |

| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | |
|---|---|---|
| 7.4 | Inġib ruħi sew | 7.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiddiskutu permezz ta' eżempji jew stejjer konkreti,<br>2. jagħrfu xi tfisser li tgħid 'iva' minn qalbek.<br>3. Jitgħallmu kif meta ngħidu iva, din tfisser imġiba tajba<br>4. Jieħdu attitudni li meta jgħidu iva għandhom jagħmlu skont ma jwiegħdu | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Hu importanti li l-imġiba tagħna taqbel ma' dak li ngħidu.<br>2. L-imġiba tajba hi dejjem skont il-qalb ta' Alla.<br>3. Alla jħobbna dejjem, imma jieħu pjaċir li nieħdu ħsieb xulxin. | |
| L-Attitudni | It-tfal inaqqsu d-drabi meta fil-ħajja tagħhom jgħidu "le" lil Ġesù. Huma jipprattikaw dan fl-ambjent tal-klassi wkoll. | |
| | | |
| 7.5 | Naħdmu biex ma ngħidux 'le' lil Ġesù | 7.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jirrevedu xi tfisser imġiba tajba;<br>2. jiddiskutu drabi meta lil Ġesù jgħidulu 'le' bl-azzjonijiet tagħhom;<br>3. jiftakru f'sitwazzjonijiet li bihom ngħidu 'iva;'<br>4. jirriflettu fuq l-azzjonijiet tagħhom u jiddiskutuhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. F'ħajjitna aħna nagħmlu bosta azzjonijiet li bihom nkunu qed inweġġgħu lil ta' madwarna filwaqt li ngħidu 'le' lil Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Għandu jiddispjaċina li nkunu qed ngħidu 'le' lil ta' madwarna.<br>3. Ta' madwarna jeħtieġ li nuruhom rispett.<br>4. Irridu naħsbu fuq l-imġiba tagħna biex ma nirrepetux imġiba ħażina. | |
| L-Attitudni | It-tfal inaqqsu l-iskużi biex jagħmlu dak li jridu huma. Allura jagħmlu aktar dak li hemm bżonn li jsir. Dan ifisser 'iva' lil ta' madwarhom u lil Ġesù. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | |
| **7.6** | **Il-parabbola taż-żewġt aħwa** | **7.5** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jisimgħu l-ġrajja tal-Parabbola taż-żewġt aħwa u jaraw l-attitudni li ħa l-missier maż-żewġt ulied;<br>2. jiddiskutu din l-istorja. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-aħwa kienu tnejn, il-kbir u żgħir.<br>2. Il-kbir, meta missieru talbu jmur l-għalqa qallu 'iva' imma ma marx.<br>3. Iż-żgħir qallu 'le' imma mbagħad mar.<br>4. It-tnejn li huma m'obdewx mill-ewwel.<br>5. Iż-żgħir, fl-aħħar, ħaseb fuq dak li qallu missieru u mar. | |
| L-Attitudni | It-tfal jagħmlu li hemm bżonn fil-pront u malajr. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 7.7 | **Li nobdi mhux dejjem faċli** | 7.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jirrevedu dwar l-importanza tal-kelma li nagħtu u li nwiegħdu;<br>2. jifhmu kif meta ngħidu 'iva' bil-kliem biss ma nkunux qed nuru mħabba vera;<br>3. jifhmu li, li tobdi mhux dejjem faċli;<br>4. jirrealizzaw li l-azzjonijiet tagħna juru jekk aħna nħobbux lil xulxin jew le.<br>5. jifhmu li l-azzjonijiet li nagħmlu jħallu konsegwenzi u dan kollu jiddependi jekk ikunux azzjonijiet pożittivi jew negattivi. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għalkemm nistgħu ngħidu 'iva' biex nuru li qed nobdu, l-importanti li nuru dan bl-azzjonijiet tagħna,<br>2. Huwa important li nuru l-imħabba lejn ħaddieħor u lejn Alla bl-azzjonijiet tagħna u mhux bil-kliem biss. B'hekk biss nsiru nixbhu lil Ġesù. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li meta jagħmlu l-ħażin, jaċċettaw il-kastig li jkun hemm marbut ma' dak li jiddeċiedu. | |
| | | |
| 7.8 | **Nindunaw u nibdlu t-triq** | 7.7 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jiddiskutu xi tfisser li tibdel it-triq għax tinduna li tkun għamilt żball;<br>2. jifhmu xi tfisser il-maħfra;<br>3. jisimgħu rakkonti mill-Bibbja fejn it-tfal jaraw kif Ġesù kien jgħin biex nies ibiddlu t-triq u jaħfer lil kulħadd. | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Li tagħmel it-tajjeb ifisser li tinduna u tibdel it-triq li tkun ħadt.<br>2. Ġesù għen biex ħafna nies ibiddlu t-triq billi għenhom u ħafrilhom.<br>3. Bħal Ġesù għandna dejjem naħfru lil ħaddieħor, filwaqt li nieħdu gost meta ħaddieħor jaħfer lilna.<br>4. Naħfru lil ħaddieħor sabiex nsiru nixbhu aktar lil Ġesù. | |
| L-Attitudni | It-tfal jindunaw li jkunu għamlu dak li hu ħażin u jaħdmu biex ma jerġgħux. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | |
| 7.9 | Nimxi driit mhux dejjem faċli | 7.8 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jiftakru kemm Ġesù kien jobdi u kien ta' eżempju tajjeb;<br>2. jifhmu li biex timxi dritt mhux dejjem faċli;<br>3. jiddiskutu xi sitwazzjonijiet fejn ma kienx faċli li tagħmel it-tajjeb. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù kien ta' eżempju tajjeb u kien jobdi dejjem.<br>2. Li tagħmel it-tajjeb mhux dejjem faċli.<br>3. Waħda mill-affarijiet li rridu nagħmlu hija li naħfru.<br>4. Naħfru dejjem lil min jagħmlilna l-ħsara għaliex b'hekk biss inkunu nistgħu nixbhu lil Ġesù.<br>5. Bħal Mattew u Żakkew, għandna nsewwu l-ħsara li nkunu għamilna għax b'hekk biss nuru li vera ddispjaċina ta' dak li għamilna. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | It-tfal jaħdmu biex ma jkunux suppervi u jammettu meta jiżbaljaw u jitolbu skuża.. | |
| | | |
| 7.10 | Noħolqu ċirku | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jiddiskutu l-għamla ta' ċirku;<br>2. jifhmu bl-importanza li flimkien noħolqu dan iċ-ċirku;<br>3. jitgħallmu jaħdmu biex dan iċ-ċirku jibqa' magħqud;<br>4. jirrevedu l-importanza tal-maħfra u l-ħbiberija biex dan kollu jseħħ. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-għaqda ta' bejnietna tibqa' jekk aħna nirrispettaw u nħobbu lil xulxin.<br>2. Min iħobb jaħfer lil min ikun għamillu l-ħsara.<br>3. Min hu supperv ma jammetti qatt li għamel żball u allura jibqa' ma jitgħallem qatt. | |
| L-Attitudni | It-tfal jagħmlu sforz biex ikunu aktar umli ma' xulxin kemm mal-ħbieb tal-klassi, kif ukoll mal-familja tagħhom. | |
| | | |